# Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Fl-atti tar-Rikors biex tkun revokata decizzjoni tal-Magistrat Inkwirenti Dr. Ian Farrugia LL.D. tas-26 ta' Lulju 2018 wara Rikors ta' Dr. Simon Busuttil tal-14 ta' Lulju 2017.

## DIGRIET FINALI

Illum 8 ta' Jannar, 2019

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-Onor. Dr. Simon Busuttil ipprezentat fir-Registru tal-Qrati Kriminali fl-14 ta' Lulju 2017, bla dokumenti, lill-Magistrat tal-Ghassa li permezz tieghu talab li tinfetah Inkjesta Magisterjali a tenur tal-artikolu 546(1) tal-Kodici Kriminali ghar-ragunijiet hemm premessi;

Rat ir-risposti tal-Onor. Prim Ministru, tal-Onor Dr. Konrad Mizzi, dik ta' Keith Allen Schembri, ir-risposta kongunta ta' Brian Tonna u Karl Cini tal-20 ta' Lulju 2017, ir-risposta ta' Malcolm Scerri u dik ta' Adrian Hillman lkoll tal-20 ta' Lulju 2017 quddiem il-Magistrat Inkwirenti;

Rat r-replika tal-Onor. Dr. Simon Busuttil ghar-risposti tal-persuni msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan kif awtorizzat mill-Magistrati Inkwirenti b'digriet tal-24 ta' Lulju 2017 ma' liema risposta annetta digriet tal-Magistrat Dr. Aaron

Bugeja tal-4 ta' Mejju 2017 u iehor tat-23 ta' Mejju, 2017 kif ukoll Dok C deskritt bhala "*lista zghira minn ammont hafna ikbar ta' emails pubblikati mill-International Consortium of Investigative Journalists fl-hekk imsejjah Panama Papers leak, li kien leak mis-server ta' Mossack Fonseca fil-Panama, li jitrattaw prettament il-mertu tad-denunzja tal-Kap tal-Opposizzjoni u li m'humhiex mertu ta' ebda Inkjesta Magisterjali ohra";*

Rat id-decizzjoni tal-Magistrat Inkwirenti Dr. Ian Farrugia LL.D li kien il-Magistrat tal-Ghassa fil-jum li fih kien intavolat ir-rikors u li ghalhekk ha konjizzjoni tat-talba ta' Dr. Simon Busuttil b'liema digriet ordna li ssir investigazzjoni kif ukoll li jkunu notifikati b'dik id-decizzjoni l-istess Onorevoli Kap tal-Opposizzjoni Dr. Simon Busuttil, l-Onorevoli Prim Ministru Dr. Joseph Muscat, l-Onorevoli Ministru Konrad Mizzi, ic-Chief of Staff tal-Prim Ministru Keith Allen Schembri, Brian Tonna, Karl Cini, Malcolm Scerri u Adrian Hilman;

Rat illi kull wiehed mill fuq imsemmija, individwalment, hlief ghall-Onorevoli Dr. Simon Busuttil, intavolaw rikors sabiex tkun revokata d-decizzjoni tal-Magistrat Inkwirenti tas-26 ta' Lulju 2018;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-1 t'Awwissu 2017 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tas-16 t'Awwissu 2017 wara li l-Onor Dr. Simon Busuttil ippremetta illi ghandu eccezzjoni preliminari importanti hafna x'jissolleva fil-qorti fil-miftugh fl-appell [recte: *fir-rikors*] tieghu;

Rat illi fl-udjenza tas-16 t'Awwissu 2017 l-avukat difensur tal-Onor Dr Simon Busuttil talab ir-rikuza tal-Imhallef decident, l-Onor Antonio Mizzi;

Rat illi wara li instemghu l-partijiet u saru sottomissjonijiet dwar it-talba appena msemmija, l-Qorti cahdet l-istess b'digriet taghha tat-3 t'Ottubru, 2017;

Rat illi fid-29 t'Ottubru, 2018 il-Qorti Kostituzzjonali (Rikors Kostituzzjonali numru 86/2017 JZM) prolatat sentenza fl-ismijiet Onor. Simon Busuttil vs L-Avukat Generali et, appell tal-Avukat Generali minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-istess ismijiet moghtija fit-12 ta' Lulju 2018. Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali hassret dik tal-Prim'Awla li biha kienet *inter alia* laqghet tlieta mis-sitt talbiet tal-Onor Simon Busuttil u cioe' li c-cahda tat-talba ghar-rikuza tal-Imhallef tal-Qorti Kriminali kienet leziva tat-dritt tieghu ghal smiegh xieraq; li jithassar kwalsiasi digriet jew sentenza tal-Qorti Kriminali preseduta mill-Onor Imhallef Antonio Mizzi; u li tordna li r-rikors ghar-revoka tad-decizzjoni tal-Onor. Magistrat Ian Farrugia jkun assenjat lill-Imhallef iehor. Brevement, ghalhekk il-Qorti Kostituzzjonali ma sabet xejn sindakabbli fid-digriet tal-Qorti Kriminali li bih l-Imhallef decident cahad it-talba li jirrikuza ruhu;

Illi l-Onor Imhallef Antonio Mizzi irtira biz-zmien qabel ma seta' jasal ghad-decizzjoni tieghu dwar it-talba tal-Onor. Prim Ministru Dr. Joseph Muscat et sabiex tkun revokata d-decizzjoni tal-Qorti Istruttorja per Onor. Magistrat Dr. Ian Farrugia u konsegwentement s-Sinjorija Tieghu, l-Onorevoli Prim Imhallef, assennja dan l-inkartament lill-Imhallef sottofirmat;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Dicembru, 2018 li bih stradat dan il-process billi akkordat lill-partijiet kollha terminu ta' erbat ijiem minn notifika tieghu li fih setghu jaghmlu sottomissjonijiet jew kjarifiki dwar l-atti minnhom gia prezentati;

Rat ir-rikors tal-Onor. Dr. Konrad Mizzi tal-21 ta' Dicembru, 2018 permezz ta' liema, wara li informa lil din il-Qorti li kien intavola proceduri ta' natura kostituzzjonali dwar il-kwistjoni hawn devoluta (ghar-revoka tad-digriet tal-Magistrat Dr. Ian Farrugia), talab is-soprassessjoni ta' dawn il-proceduri pendenti l-ezitu ta' dawk quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Dicembru, 2018 li bih cahdet it-talba ghar-ragunijiet hemm infraskritti;

Rat is-segwenti noti ta' sottomissjonijiet fl-ordni kif intavolati quddiem din il-Qorti:

L-Onor Dr. Simon Busuttil (06.12.18);

L-Avukat Generali (07.12.18);

Brian Tonna u Carl Cini (7.12.18)

L-Onor. Prim Ministru (10.12.18);

Keith Allen Schembri (11.12.2018) – wara rikors u awtorizzazzjoni ghall estensjoni ta' zmien b'jum wiehed;

Adrian Hillman (11.12.18)

Malcolm Scerri (11.12.18) – wara rikors u awtorizzazzjoni ghal estensjoni ta' zmien b'jum wiehed;

Rat ukoll l-atti u d-decizzjoni tal-Magistrat Dr. Francesco Depasquale tal-21 ta' Mejju, 2018 (Atti tar-rikors guramentat datat 20 t'April 2018 maghmul minn Dr. Simon Busuttil u l-MEP David Casa) liema decizzjoni u atti saru jifformaw parti mill-atti odjerni b'ordni tal-istess Magistrat;

Ikkunsidrat:

1. Illi b'rikors maghmul lill-Magistrat tal-Ghassa fit-turn tal-14 ta' Lulju, 2017, Dr. Simon Busuttil, dakinhar Kap tal-Opposizzjoni, kien talab li tinfetah inkjesta magisterjali a tenur tal-artikolu 546(1) tal-Kodici Kriminali u dan wara li kien elenka numru ta' okkorrenzi li skond il-Kap tal-Kumitat PANA tal-Parlament Ewropew jammontaw ghall-"*a textbook case of money laundering*";

2. Illi b'decizzjoni tas-26 ta' Lulju, 2017, il-Magistrat Inkwirenti kkonkluda li kienu sodisfatti l-prerekwiziti kollha mehtiega fl-artikolu 546(1) tal-Kodici Kriminali sabiex issir investigazzjoni dwar l-*in genere* u ordna, bhala konsegwenza, li ssir investigazzjoni minn Magistrat li ghandu jkun maghzul bil-polza minn fost il-Magistrati kollha ai termini tal-artikolu 546(4A)(4B) tal-Kapitolu 9;

3. Illi l-Magistrat Inkwirenti kien ordna ukoll illi dik id-decizzjoni tkun notifikata lill-Onorevoli Kap tal-Oppossizzjoni, Dr. Simon Busuttil kif ukoll lill-Onorevoli Prim Ministru Dr. Joseph Muscat, lill-Onorevoli Ministru Konrad Mizzi, lic-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru, Keith Allen Schembri, lil Brian Tonna, lil Karl Cini, lil Malcolm Scerri u lil Adrian Hillman;

4. Illi fis-27 ta' Lulju 2017, l-Onor. Prim Ministru, Dr. Joseph Muscat intavola rikors quddiem din il-Qorti li bih talab li tkun revokata d-decizzjoni tal-Magistrat Inkwirenti kif provdut fl-artikolu 546 (4B) tal-Kodici Kriminali u/jew f'kull kaz u ghall-istess ragunijiet tirrevokaha in kwantu tolqot lilu (fol 112);

5. Illi fis-27 ta' Lulju, 2017, l-Onor. Dr. Konrad Mizzi prezenta rikors quddiem din il-Qorti sabiex tghaddi biex tichad it-talba tal-Onor. Simon Busuttil ghall-ftuh ta' inkjesta magisterjali (fol 116);

6. Illi fis-27 ta' Lulju, 2017 Keith Allen Schembri intavola rikors quddiem din il-Qorti sabiex tirrevoka d-decizzjoni tal-Magistrat Dr. Ian Farrugia tas-26 ta' Lulju, 2016 (Fol 125);

7. Illi fis-27 ta' Lulju 2017 Brian Tonna u Karl Cini pprezentaw rikors quddiem din il-Qorti li bih talbu r-revoka tad-decizzjoni tal-Magistrat Inkwirenti tas-26 ta' Lulju, 2017 u dikjarazzjoni li l-prerekwiziti mehtiega sabiex ssir investigazzjoni skond il-ligi huma manifestament nieqsa (fol 133);

8. Illi Malcolm Scerri intavola rikors konsimili quddiem din il-Qorti ukoll fis-27 ta' Lulju, 2017 permezz ta' liema talab ir-revoka tad-decizjoni tal-Magistrat Inkwirenti (fol 140);

9. Illi fis-27 ta' Lulju, 2017 Adrian Hillman irrikorra ghall-istess procedura bl-introduzzjoni ta' rikors quddiem din il-Qorti li bih, wara li

rrizerva li jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri, talab li tkun mhassra u revokata d-decizzjoni tal-Magistrat Inkwirenti mertu tal-kwistjoni odjerna (148);

10. Illi l-Avukat Generali u l-Onor. Dr. Simon Busuttil kienu notifikati b'kull wiehed minn dawn ir-rikorsi. Permezz ta' risposta introdotta fir-Registru ta' din il-Qorti fid-9 t'Awwissu, 2017, l-Avukat Generali, wara li ghamel esposizzjoni tal-fehma tieghu dwar l-artikoli tal-Kodici Kriminali li huma kolpiti in materja, spjega illi huwa mhux biss m'ghandux *locus standi* f'dawn il-proceduri f'dan l-istadju, talli ma jhossx illi huwa ndikat li jikkummenta dwar jekk din il-Qorti ghandhiex tirrevoka d-decizjoni tal-Magistrat Inkwirenti jew le stante li dan ikun jippregudika r-rwol tieghu taht l-Artikolu 569(6) tal-istess Kodici (fol 210);

11. L-Onor Dr. Simon Busuttil wiegeb ghall-kull wiehed minn dawn ir-rikorsi, li erronjament jirreferi ghalihom bhala appelli, permezz ta' nota tat-8 t'Awwissu, 2017;

Ikkunsidrat ulterjorment:

12. Illi ikun opportun, primarjament, li din il-Qorti titratta dwar il-qaghda legali tal-Avukat Generali f'dawn il-proceduri li wara li l-Magistrat Inkwirenti kien ordna li jkun notifikat bid-decizzjoni tieghu u wara li din il-Qorti, diversament preseduta, ordnat li kull rikors ghar-revoka msemmija *supra* jkunu notifikati lilu, wiegeb li m' ghandux *locus standi* f'dawn il-proceduri. Oltre minn hekk, l-Avukat Generali ddikjara li kwalsiasi kumment tieghu jista' jippregudika r-rwol tieghu taht l-artikolu 569(6) tal-Kodici Kriminali;

13. L-Avukat Generali huwa korrett fl-esposizzjoni tieghu. Din hija procedura specjali regolata bl-artikolu 546(4A), (4B) u (4C) tal-Kodici Kriminali li jipprovdu, *inter alia*, li meta jsir rapport, denunzja jew kwerela, minn xi persuna li ma tkunx l-Avukat Generali jew ufficcjal tal-pulizija, dak ir-rapport, denunzja jew kwerela ghandhom ikunu notifikati lill-persuni suspettati. Dan jghodd ukoll kwantu d-decizzjoni tal-Magistrat li ghandu

jinzamm access. L-Avukat Generali ma jissemmiex bhala persuna li ghandha tkun notifikata sia bir-rapport, denunzja jew kwerela kif ukoll bid-decizzjoni tal-Magistrat li jsir access bhalma hu l-kaz fis-subartikoli (5) u (6) li jirreferu ghar-rapport, denunzja jew kwerela maghmulha mill-Pulizija lill-Magistrat. Huwa biss fil-kaz li jsir, rapport, denunzja jew kwerela skond l-artikolu 561(1) u fil-kaz fejn il-Magistrat jiddeciedi ma jzommx access skond is-subartikolu (2), t-tnejn wara rapport mill-Pulizija, li ghandu jkun notifikat l-Avukat Generali fi zmien tlett ijiem ex subartikolu (5);

14. Fil-kaz odjern, senjatament fil-parti inizzjali fejn il-Magistrat kien biss ircieva denunzja li ma saritx mill-Pulizija, ma kellux ghalfejn ikun notifikat l-Avukat Generali u kien korrett il-Magistrat Inkwirenti li ma ordnax tali notifika. L-istess japplika, izda, ghal meta l-Magistrat jiddeciedi li jzomm access. Dan huwa hekk ukoll ghaliex f'dak l-istadju, l-Magistrat Inkwirenti ikun ghadu ma zammx access izda jkun iddecieda biss li ghandu isir access u dwar dan ma jista' jkun hemm ebda opposizzjoni mill-Avukat Generali jew mill-pulizija. Wara li jsir access, li fil-parti finali tieghu jiehu il-vesti ta' *process verbal* jew *repert*, skond il-kaz, imbaghad jiskattaw ir-regoli dwar il-*process verbal* jew *repert* taht it-Titolu II, Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali, senjatament artikoli 546 *et seq*. Huwa minn hemm 'l quddiem li ghandu jkun notifikat l-Avukat Generali sia, ad ezempju bin-nuqqas ta' konkluzzjoni fi zmien sittin jum jew li l-*process verbal* jew *repert* jintbaghat lilu;

15. Minn hemm 'l quddiem l-Avukat ikun fil-posizzjoni legali li jaghzel jekk jinbdew proceduri legali jew le kontra persuna/i, izda certament ma jirraffigura imkien f'dak il-mument kritiku fejn il-Magistrat ghadu fl-istadju jiddeciedi jekk ghandhiex tinbeda inkjesta jew le. Kif korrettament sollevat mill-Avukat Generali, kwalsiasi intervent tieghu f'dan l-istadju jista' jippregudika l-posizzjoni tieghu kontemplata fl-artikolu 569 li taghtih is-setgha li jordna l-inizzju tal-proceduri kriminali skond kif rakkomandati fil-*process verbal* jew sahansitra jordna bil-kontra, igifieri li ma jittiehdu ebda proceduri;

16. Lanqas ma kellu ghalfejn ukoll ikun notifikat l-Avukat Generali minn din il-Qorti wara r-rikors tal-persuni li talbu r-revoka tad-digriet tal-Magistrat. Dan izda, ma jgib ebda konsegwenza u korrettament l-Avukat Generali ma esprima ebda opinjoni sabiex b'hekk jipprezerva u jhalli impregudikat d-doveri tieghu f'kaz li jkun mitlub jghazel jekk jimbdewx proceduri kriminali jew le kontra persuna f'kaz li din il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti, oltre mbaghad il-fatt li jkun jehtieglu jmexxi bhala prosekutur minn hemm 'l quddiem;

**Talbiet ghar-revoka**:

17. Isegwi issa, ezami tat-talbiet ghar-revoka tad-decizzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jsir access. Uhud minn dawn ghandhom elementi komuni ghal xulxin u ghalhekk ser ikunu trattati flimkien;

**Eccezzjoni preliminari mhix deciza mill-Magistrat Inkwirenti:**

18. B'mod preliminari, Keith Scerri u Malcolm Scerri, ressqu ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti ilment li l-eccezzjoni taghhom sollevata quddiem il-Magistrat Inkwirenti baqghet mhux deciza u ma tissemma mkien fid-decizzjoni impunjata u ghalhekk daqs li kieku ma tezistix. L-Onor Simon Busuttil jilqa' ghal dan fir-risposta tieghu ghall-appell [recte: rikors] tal-persuni suspettati billi f'pagna 44, fol 206 jaghmel referenza ghal dak minnu gia osservat dwar il-htiega ta' motivazzjoni f'decizzjoni bhal dik in dizamina. Fir-risposta tieghu dwar ir-rikors ta' Malcolm Scerri, pagna 32 *et seq*, fol 194 jiccita f'pagna 37 a fol 199, l-artikolu 662(1) tal-Kodici Kriminali in sostenn tal-argument li ma hemm l-ebda obbligu ta' motivazzjoni fid-digriet tal-Magistrati;

19. Minn ezami tar-rikors revoka ta' Keith Schembri (fol 125) u Malcolm Scerri (fol 140) jemergi illi t-tnejn itennu illi l-eccezzjoni preliminari taghhom

dwar l-irritwalita' tar-rikors promotur kellha tkun inkorporata fid-decizzjoni finali tal-Magistrat u motivata skond il-ligi. Fir-risposta taghhom ghar-rikors promutur quddiem il-Magistrat Inkwirenti Keith Schembri (fol 24) u Malcolm Scerri (fol 30) kienu eccepew l-irritwalita' tar-rikors (denunzja) mill-Onor. Dr. Simon Busuttil ghaliex kien naqas milli josserva l-elementi tal-artikolu 546(4A) tal-Kodici Kriminali li jitlob li min jaghmel denunzja ghandu jidentifika r-reat li qieghed jallega; jiddeskrivi s-suggett materjali tar-reat bid-dettalji tieghu wiehed, wiehed; isemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jgib effett; u jsemmi b'mod car lill-persuna suspettata li ghamlet ir-reat;

20. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva illi fid-decizzjoni tieghu, il-Magistrat kien erronjament ghamel referenza ghall-artikolu 536 tal-Kodici Kriminali dwar x'ghandu jkun fihom ir-rapport, denunzja jew kwerela. Dak l-artikolu jirreferi ghad-denunzja minn persuna lil ufficcjal tal-Pulizija Ezekuttiva u mhux lil Magistrat liema cirkostanza allura hija regolata bl-artikoli 546 kompriz is-subartikolu (4A). Issa, ghalkemm hemm xi somiljanza bejn ir-rekwiziti fiz-zewg artikoli, l-artikolu 546 huwa aktar partikolari ghaliex filwaqt illi fl-artikolu 536 persuna tista' taghmel rapport, denunzja jew kwerela lill-Pulizija dwar kwalsiasi reat u taghti "*kemm jista' jkun*" il-partikolaritajiet mehtiega li jaccertaw ir-reat, l-artikolu 546 huwa aktar rigoruz minn hekk. Dan ghaliex ir-reat denunzjat irid ikun wiehed li jgorr mieghu prigunerija ta' tlett snin jew aktar u d-denunzjant ghandu jiddeskrivi l-stat tas-suggett materjali tar-reat "*bid-dettalji kollha wiehed wiehed u ghadu jigi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta jgib l-effett*;

21. Ir-referenza zbaljata dwar l-artikolu 536 jista jkollu effett fuq id-decizzjoni ahharija tal-Magistrat mhux mill-aspett tekniku ta' formalita' f'materja daqstant serja, izda kemm il-darba huwa kien gwidat bir-rikwiziti ta' dak l-artikoli u mhux b'dawk tal-artikolu 546 *et seq*. Din id-diskussjoni, izda, tissokta aktar 'l quddiem fil-kunsiderazzjonijiet li jmiss;

22. Issa l-ilment ta' Keith Schembri u Malcolm Scerri hu li l-Magistrat ma ddisponiex mill-eccezzjoni tieghu u ma ta ebda motivazzjoni fid-decizzjoni tieghu. Dik l-eccezzjoni, izda, ma kienitx wahda ta' natura preliminari u kienet wahda li tolqot direttament il-mertu. Decizzjoni fuq kwistjoni legali ghandha dejjem tkun deciza f'kapitolu ghalih izda minn dak li tista' tifhem din il-Qorti, il-Magistrat decident ghazel li iqis dik l-eccezjoni bhala wahda fil-mertu u dan ma hu ta' ebda konsegwenza. Huwa korrett l-Onor. Simon Busuttil meta jghid li bl-artikolu 662(2) tal-Kodici Kriminali decizzjoni bhal dik in dizamina ma huwiex mehtieg li tkun motivata, issa li hu meqjus li dik kienet eccezzjoni fil-mertu. Fl-istess waqt m' ghandhomx ragun Keith Schembri u Malcolm Scerri fl-argument taghhom li l-Magistrat skarta l-eccezzjoni preliminari taghhom ghaliex la darba l-Magistrat wasal ghall-konkluzzjoni li "l-allegati fatti denunzjati potenzjalment jaghtu lok ghas-suggett materjali tar-reat li jrid jigi prezervat" kien b'hekk ukoll ddispona minn dik l-istess eccezzjoni. Dan qed jinghad b'rizerva ghal dawk il-konsiderazzjonijiet li ser isegwu dwar l-irregolarita' tad-denunzja fiol-paragrafi 30 *et seq*;

**Eccezzjoni ta' irregolarita' u ingustizzja fil-procedura adoperata**:

23. Din l-eccezzjoni kienet sollevata minn kull wiehed mir-rikorrenti li lkoll jilmentaw mill-fatt illi wara li kienu rregistraw ir-risposti taghhom ghar-rikors tal-Onor. Dr. Simon Busuttil, dan tal-ahhar talab, permezz ta' rikors sussegwenti, li jkun notifikat b'dawk ir-risposti u li jaghmel replika ghalihom, li fil-fatt ghamel, u annetta dokumenti u dan minghajr ma kienu notifikati l-istess rikorrenti odjerni la bit-talba, la bid-digriet u wisq anqas bir-replika u dokumenti.

24. L-Onor. Dr. Simon Busuttil jilqa' ghal dan fir-risposta tieghu billi jghid li ma hemm ebda artikolu fil-ligi li jobbliga lill-Magistrat jinforma lid-denunzjat bir-replika tieghu. Inoltre, jissottometti illi dan huwa stadju ferm 'l boghod minn "trial" jew "kawza", minn smiegh" ghaliex din mhix kwistjoni ta' "a determination of a civil right or obligation or a criminal charge";

25. Dwar dan, tajjeb li *in primis*, ikunu elenkati b'mod krolonogiku l-fatti kif emergenti mill-atti: Ir-rikors promutur quddiem il-Magistrat kien registrat fl-14 ta' Lulju, 2017. B'digriet tal-Magistrat fit-turn, dan kien notifikat lir-rikorrenti odjerni, igifieri lill-Onor. Dr. Joseph Muscat u l-ohrajn bi dritt ta' risposta sal-20 ta' Lulju, 2017. Fl-24 ta' Lulju 2017, l-Onor. Dr. Simon Busuttil prezenta rikors li bih talab li jkun notifikat bir-risposti tal-"persuni suspettati" u li jinghata zmien qasir biex iwiegeb ghalihom. Dak ir-rikors intlaqa' b'digriet tal-istess data u fil-25 ta' Lulju 2017 l-Onor. Simon Busuttil prezenta replika li biha laqa' ghall-eccezzjonijiet u ragunament ta' kull rispondent **oltre** li pprezenta ukoll tlett dokumenti konsistenti f'Digriet tal-Magistrat Dr. Aaron Bugeja tal-4 ta' Mejju 2017, iehor tat-23 ta' Mejju 2017 u 27 fotokopja deskritti bhala "lista zghira minn ammont hafna ikbar ta' e-mails pubblikati mill-International Consortium of Investigative Journalists fl-hekk imsejjah Panama Papers leak, li kien leak mis-server ta' Mossack Fonseca fil-Panama, li jitrattaw prettament il-mertu tad-denunzja tal-Kap tal-Opposizzjoni u li m'humiex mertu ta' ebda Inkjesta Magisterjali ohra";

26. Huwa bil-wisq evidenti minn din ir-rassenja, illi l-persuni li l-Magistrat Inkwirenti iddecieda li huma suspettati fil-parti inizzjali tal-procedura, igifieri appena rcieva d-denunzja, ma inghatawx l-opportunita' li jkunu mgharrfa u moghtija d-dritt li jaghmlu osservazzjonijiet dwar dak mhux biss osservat mill-Onor. Simon Busuttil fir-replika tieghu izda ukoll dwar id-dokumenti minnu esebiti. Meta l-artikolu 546(4A) jobbliga lill-Magistrat li jircievi d-denunzja, li jinnotifika lill-persuni "suspettati" u li jtihom zmien biex iwiegbu, jaghmel dan bil-hsieb uniku li l-persuna "suspettata" tkun tista' tirribatti dik l-allegazzjoni u toffri, jekk tixtieq, spjega ghaliex m'ghandux jinbeda access fl-*in genere*. Sakemm ma jkunux mehtiega aktar kjarifiki, il-Magistrat jista'/tista' imbaghad jghaddu ghall-konkluzzjoni taghhom. Izda, meta d-denunzjant joffri spjegazzjonijiet ulterjuri u dokumenti godda, u f'dan il-kaz ma kien hemm ebda dokument esebit mad-denunzja originali, allura hemm jitnissel l-obbligu li s-"suspettat" jerga jkun notifikat b'dik l-informazzjoni l-gdida;

27. Wahda mill-osservazzjonijiet ta' Keith Schembri u Malcolm Scerri hija ezempju car ghaliex kellu jkun osservat id-dritt ta' risposta meta f'pagna 5, (fol 129) u pagna 5 (fol 144) rispettivament tar-rikors taghhom ghaccahda tad-digriet, josservaw li "s-Sur Langen ma qalx li l-fatti jindikaw "*a textbook case of money laundering"* izda qal (fil-konfront ta' allegazzjonijiet indirizzati lejn terzi) illi "*It is not clear at the moment, but it looks like money laundering ... We must be careful before drawing any final conclusions over what it actually means"*";

28. Din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni tal-Onor. Dr. Simon Busuttil ghar-ragunijiet appena moghtija. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tinoltra f'dibattitu dwar id-drittijiet fundamentali tal-persuni fil-"pre-trial stage" u il-konsegwenzi li jgib mieghu n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli bazici f'dan l-istadju bikri, izda krucjali, fi kwalunke process kriminali li jista' jinbet minn dawk il-proceduri. Ikun sufficjenti jinghad illi anke l-artikolu 534AF tal-Kodici Kriminali introdott bl-Att IV tal-2014 jipprovdi ghad-dritt ta' access lis-suspettat ghall-materjal li jkollha f'idejha il-Pulizija, anke jekk bil-kawteli hemm indikati;

29. Huwa ghall-kollox inutili illi l-Onor. Busuttil jinsisti li ghaliex dawn il-proceduri *m'humhiex kawza u ghadhom ferm 'l boghod minn smiegh* allura ghandhom ikunu skartati dawk id-drittijiet altrimenti applikabbli fi process kriminali anke ghaliex jista' jkun li f'dak l-istadju jkunu gia lezi dawk id-drittijiet fundamentali b'konsegwenzi anke gravi. Issa ghalkemm din hija materja li prettament tmiss lill-Qorti Civili, din il-Qorti mhix fi hsiebha tghalaq ghajnejha ghal xi potenzjali lezjoni ta' dritt anke jekk, skond l-Onor. Dr. Simon Busuttil, ma hemm ebda artikolu fil-Kodici Kriminali li jobbliga lill-Magistrat jinnotifika r-replika lir-rispondent. Ir-rikorrenti ghalhekk ghandhom ragun f'dan ir-rigward;

**Irritwalita' tar-rikors promutur**:

30. Din hija eccezzjoni ohra komuni bejn ir-rikorrenti anke jekk mhux f'termini ugwali izda riflessa f'kull wiehed mir-rikorsi biex tkun michuda id-decizzjoni tal-Magistrat Inkwirenti. L-ilment principali huwa li r-rikors promutur li ta bidu ghal dawn il-proceduri ma sarx skond dak li jipprovdi l-artikolu 546(4A) tal-Kodici Kriminali li huwa provvediment specjali fil-ligi penali taghna li ghandu jkun osservat rigorozament. Dan is-subartikolu, flimkien mas-subartikolu (1) tal-artikolu 546 jipprovdu illi ir-rapport, denunzja jew kwerela iridu jkunu dwar reat 1) li jista' jinghata piena ta' prigunerija ghal izjed minn tliet snin; 2) li s-suggett materjali tar-reat ikun ghadu jezisti; 3) ghandu jkun deskritt l-istat tieghu bid-dettalji kollha wiehed wiehed; 4) jissemma l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta jgib l-effett; u 5) jissemma car il-persuna suspettata li ghamlet ir-reat. Ir-rikorrenti huma tal-fehma illi r-rikors tal-Onor. Dr. Simon Busuttil huwa priv minn dawn ir-rekwiziti u ghalhekk huwa irritu u kellu jkun rigettat mill-Magistrat Inkwirenti;

31. Din il-Qorti gia ghamlet l-osservazzjoni taghha dwar eccezzjoni konsimili fil-paragrafi 19 sa 22 u izzid ma dan illi l-Onor. Dr. Simon Busuttil ghamel it-talba inizzjali tieghu fit-termini tal-artikolu 561 tal-Kodici Kriminali. Issa, jekk il-kontenut tar-rikors tieghu huwiex sufficjenti jew le biex jikkonvinci lill-Magistrat biex jaghmel access jew le hija kwistjoni fil-mertu u mhux wahda ta' natura legali li tkun allura tehtieg decizjoni *ut sic*. Jekk, per ezempju u kif jikkontendu r-rikorrenti, saret deskrizzjoni fuq fuq tas-suggett materjali tar-reat minflok wahda dettaljata u d-denunzjant isostni li skond hu ta dettalji kemm seta, allura dik ma tirrientrax fil-kamp tal-eccezzjoni preliminari izda f'dak fil-mertu ghaliex huwa il-Magistrat li jrid jiddeciedi jekk ghandux iqis li dik l-informazzjoni hix wahda sufficjenti jew le;

32. Fir-risposta tieghu, l-Onor. Dr. Simon Busuttil ghamel osservazzjonijiet fit-tul dwar ir-rikors tal-Onor. Prim Ministru u dak tal-Onor. Dr. Konrad Mizzi u fil-konfront ta' l-ohrajn ghamel referenza ghal dak minnu gia osservat u zied xi kjarifiki. Fl-osservazzjoni dwar ir-rikors tal-Onor. Prim

Ministru, l-Onor. Dr. Simon Busuttil jghid li dan qarraq meta fl-iccitar tal-artikolu 536 halla barra il-frazi essenzjali "kemm jista' jkun" riferibilment ghall-partikularitajiet kollha mehtiega li jaccertaw ir-reat. Il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex l-Onor. Dr. Simon Busuttil itenni din l-osservazzjoni dwar l-artikolu 536. Kif spjegat *supra*, il-procedura diskussa hija dik ravvizata fl-artikolu 546 tal-Kodici Kriminali u ghalkemm hemm somiljanza bejniethom, huma distinti u huwa l-artikolu 546 li japplika. Ghal kull skans ta' ekwivoku, l-artikolu 536 japplika ghall-kull min jaghmel rapport, denunzja jew kwerela dwar kwalsiasi reat lill-ufficjal tal-Pulizija ezekuttiva. L-artikolu 546 japplika ghal rapport, denunzja jew kwerela direttament lill-Magistrat u meta id-denunzjant ma tkunx il-Pulizija jew l-Avukat Generali imbaghad jiskattaw ir-rekwiziti ravvizati fis-subartikoli (4A), (4B) u (4C). Din il-Qorti ghalhekk mhix ser tinoltra aktar f'diskussjoni dwar l-artikolu 536;

33. Jizdied ma' dan, izda, illi ma huwiex minnu, kif jikkontendi l-Onor. Dr. Simon Busuttil, illi fir-rapport jew denunzja id-denunzjat jaghti "kemm jista jkun dettalji" ghaliex dik il-frazi tappartjeni lill-artikolu 536 u konfondiment ta' dan l-artikolu ma' l-artikolu 546 ma jghinu xejn ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni hawn devoluta;

34. L-istess jinghad dwar l-osservazzjoni tal-Onor. Dr. Simon Busuttil li fiz-zewg rikorsi ta' denunzja li kien ghamel quddiem il-Magistrat. Dr. Aaron Bugeja fis-26 t'April 2017 u fit-18 ta' Mejju 2017 kien ta anqas dettalji mill-"hemel" li ta quddiem il-Magistrat Dr. Ian Farrugia u ciononostante' il-Magistrat Bugeja kien laqa' d-denunzja u ordna li jimbdew zewg inkjesti. Il-paraguni ma huma ta' ebda solljev ghall-osservant ghaliex kull kaz ghandu l-fattispeci tieghu u jehtieg li jkun deciz fuq dawk il-fatti migjuba a konoxxenza tal-Magistrat u, f'dan il-kaz, lil din il-Qorti. Lanqas m'hi sejra din il-Qorti taccetta l-argument sollevat mill-Onor. Dr. Busuttil meta jghid li tajjeb u interessanti li din il-Qorti Kriminali tkun taf fatt li sehh quddiem il-Magistrat Bugeja li minnu qatt ma ilmentaw l-appellanti [recte: r-rikorrenti] odjerni. Dawn m'humhiex hwejjeg ta' din l-awla u din il-Qorti ser tieqaf hawn in rigward;

35. Dak li jista' jkun konsiderat, fir-rigward ta' dan l-ilment, hu jekk kienx sodisfatt il-vot tal-ligi fid-denunzja tal-Onor. Dr. Simon Busuttil. Ghal dan il-ghan qed ikunu riprodotti iz-zewg artikoli, ossia subartikoli, rilevanti:

> **546(1) Bla hsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli li jigu minnufih wara dan, wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ta' reat li jista jinghata l-piena ta' prigunerija ghal izjed minn tliet snin, u jekk is-suggett materjali tar-reat ikun ghadu jezisti, ghandu jigi deskritt l-istat tieghu, bid-dettalji kollha wiehed wiehed, u ghandu jigi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jgib l-effett. Ghall-finijiet ta' kull investigazzjoni bhal din, ghandu jsir access fuq il-post.**
>
> **546(4A) Meta r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela jsiru lil Magistrat taht dan l-artikolu minn xi persuna li ma tkunx l-Avukat Generali jew ufficcjal tal-pulizija, ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ghandhom isemmu car lill-persuna suspettata li ghamlet ir-reat (hawn izjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjah "il-persuna suspettata"). Il-Magistrat ghandu jordna li r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, skond ma jkun il-kaz, jigi notifikat lill-persuna suspettata filwaqt li jaghtiha zmien ghal risposta u wara li jghaddi dak iz-zmien il-Magistrat ghandu jiddeciedi jekk jaghmilx l-access. Il-Magistrat ghandu jiddeciedi li jaghmel l-access biss jekk ikun stabilixxa li l-prerekwiziti mehtiega biex isir dak l-access ikunu jezistu.**

36. L-ilmenti tar-rikorrenti kollha dwar l-irritwalita' tal-procedura konsistenti fin-nuqqas tal-prerekwiziti ser ikunu konsiderati *quid unum* u dan a skans ta' ripetizzjoni. L-ewwel osservazzjoni hi dwar id-deskrizzjoni tal-allegat reat bid-dettalji kollha wiehed wiehed. Ir-rikorrenti jikkontendu li l-Onor. Dr. Simon Busuttil ghamel biss allegazzjonijiet u semma persuni minghajr ma indika bid-dettall l-fatti li jikkostitwixxu reat u minghajr ma identifika ir-rabta mal-persuni minnu msemmija. F'dan l-istadju huwa opportun li jkun riprodott ir-rikors tal-Onor. Dr. Simon Busuttil:

> Rikors ta' l-On. Simon Busuttil (ID Numru 242669M) u bil-gurament tieghu jikkonferma:
>
> Jesponi bil-qima:-

Illi fit-13 ta' Marzu 2013, l-On Konrad Mizzi ha l-gurament bhala Ministru tal-Energija u s-Sur Keith Schembri gie appuntat Chief of Staff tal-Prim Ministru;

Illi fl-14 ta' Marzu, 2013, il-partner fis-socjeta' tal-awditjar Nexia BT, Karl Cini jibghat email lis-socjeta Mossack Fonseca fil-Panama, biex jinbeda l-process biex jinfethu "kumpaniji fil-Panama u possibilment trust";

Illi s-socjeta Nexia BT hi proprjeta ta' Brian Tonna li hu ferm qarib tal-Prim Ministru Joseph Muscat u mill-bidu tal-amministrazzjoni tal-Prim Ministru Muscat beda jinghata hemel direct orders li jammontaw ghal mijiet ta' eluf ta' euro u trattament preferenzjali f'diversi oqsma redditiziji;

Illi fil-21 ta' Marzu 2013, Karl Cini jerga' jibghat reminder lil Mossack Fonsenca, u jikkjarifika li l-beneficcjarju ta' wahda minn dawn il-kumpaniji "ha jkun (jew tkun) individwu", mhux Nexia BT, u li d-dettalji tieghu jew taghha ha jinghataw b'telefonata fuq Skype. Huwa jitlob ukoll biex isir il-persuna ta' kuntatt il-gdid ghal 3 kumpaniji ohra registrati fil-British Virgin Island, li huma ta' Keith Schembri (chief of Staff tal-Prim Ministru), Malcolm Scerri (li jmexxi s-socjeta' Kasco f'isem l-istess Sur Keith Schembri) u s-Sur Adrian Hillman, u jitlob biex is-sidien jinhbew wara "nominee shareholders".

Illi fl-applikazzjoni ta' dawn il-kumpaniji, jigu mmarkati l-kaxxi li jitolbu "No Audit" (biex ma jsirx awditjar) u "Total Secrecy and Confidentiality" (biex jinzammu f'segretezza u kunfidenzjalita' assoluta, u l-informazzjoni ma tinghata lill-ebda awtorita' ohra, inkluz f'Malta ovvjament);

Illi fl-istess gimgha, Nexia BT irregistrat wkoll il-kumpanija Torbridge Services Inc fil-British Virgin Islands;

Illi fit-12 ta' April 2013 il-Prim Ministru nehha lil John Rizzo minn Kummissarju tal-Pulizija minghajr ebda raguni;

Illi f'Mejju 2013 Mossack Fonseca jwaqqaf l-ufficcju taghhom f'Malta. L-ishma huma 100% ta' Brian Tonna. L-Ufficcju huwa kongunt mal-ufficcju ta' Nexia BT f'San Gwann;

Illi f'Ottubru 2013 Socar (il-kumpanija tal-energija tal-Gvern tal-Azerbaijan), Gasol (kumpanija mill-Afrika) u grupp ta' investituri Maltin, rebhu l-kuntratt tal-powerstation il-gdid tal-gass;

Illi f'Dicembru 2013 il-kumpanija li jopera tahtha Pilatus Bank giet registrata f'Malta;

Illi fi Frar 2014 Torbridge Services Inc tigi trasferita minghand Brian Tonna ghal ghand Cheng Chen, ufficcjal gholi fis-Shanghai Electric Power;

Illi fil-11 ta' Marzu 2014, Shanghai
Electric Power tiffirma l-ftehim ma' Konrad Mizzi, Ministru tal-Energija f'isem il-Gvern Malti, biex tixtri l-powerstation tal-BWSC ghal €220 miljun u 33% tal-Enemalta ghal €100 miljun;

Illi f'Dicembru 2014, il-Prim Ministru Joseph Muscat, il-Ministru Konrad Mizzi, Keith Schembri u s-Sur Kurt Farrugia, responsabbli mill-komunikazzjoni fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, jzuru l-Azerbaijan ghal laqghat mal-President tal-Azerbaijan u li ghaliha ma jattendi l-ebda gurnalist Malti, l-ebda membru tal-korp diplomatiku, u l-ebda membru tas-servizz pubbliku Malti, u jigi ffirmat ftehim ta xiri ta' fuel minghajr hadd mill-Kumitat tax-Xiri tal-Fuel ikun prezenti. Il-poplu Malti jsir jaf b'din iz-zjara biss minn fuq il-media tal-Azerbaijan;

Illi fi Frar 2015 gie ppublikat il-Kodici tal-Etika Ministerjali l-gdid u tnehha l-bzonn li Ministru jiddikjara anke l-assi li jkunu f'isem martu jew zewgha skont il-kaz;

Illi f'Marzu 2015 l-Ufficcju tal-Awditur Generali ppublika rapport fuq il-hedging agreements tal-2014 u ikkritika lill-Ministru Konrad Mizzi tal-indhil Ministerjali bhal precedent fix-xiri tal-fuel, u jikkonferma li l-EneMalta tilfet €14.1 miljun minn dan il-ftehim;

Illi f'April 2015 il-Prim Ministru Joseph Muscat rega' mar l-Azerbaijan u ghal darb'ohra, l-ebda gurnalist jew impjegat tac-civil ma attenda [sic] mieghu;

Illi f'Gunju 2015 il-Ministru Konrad Mizzi iffirma statement lil Nexia BT li Hearnville Inc ha tiehu hsieb transazzjonijiet tieghu iffinanzjati minn "assi personali dhul min-negozju", u li Hearnville "ghadha ma bdietx tinnegozja, u eventwalment tiehu flus mill konsulenzi u senseriji";

Illi fit-22 ta' Lulju 2015 il-kumpanija registrata l-Panama tal-Ministru Konrad Mizzi (Hearnville Inc), giet trasferita ghal got-trust fi New Zealand, fl-istess jum li Gasol tbiegh l-ishma taghha fl-Electrogas lill-kumplament tal-partners fil-konsorzju, ghal somma mhux maghrufa (imma li skont il-gurnal The Malta Independent kienet ghexieren ta' miljuni ta' ewro);

Illi l-kumpanija li ghandha l-Gasol hija wkoll klijent ta' Mossack Fonseca;

Illi f'Awwissu 2015 Pilatus Bank, li sidu huwa Iranjan ta' 32 sena li juza passaporti differenti mahruga minn St. Kitts u Nevis, jiehu l-

licenzja biex jopera bhala Bank f'Malta wara li kien rifjutat licenzja minn pajjizi Ewropej ohra;

Illi f'Settembru 2015 jibdew jidhru l-emails li hargu fil-Panama Papers fejn hareg li Nexia BT kienet ghamlet hemet tentattivi biex tiftah kontijiet f'postijiet differenti ghal dawn it-tliet kumpaniji sigrieti;

Illi fis-17 t'Ottubru 2015, Karl Cini baghat email li Mossack Fonseca biex jispjega li l-kumpaniji imsemmija ta' Konrad Mizzi u Keith Schembri ser jintuzaw ghal operazzjonijiet ta' "riciklagg u remote-gaming";

Illi fis-26 ta' Novembru 2015 Karl Cini baghat email lil Mossack Fonseca jistaqsi fuq il-bzonn ta' depozitu ta' miljun dollaru Amerikan li qed jitolbu l-banek u jindika li "Huma (Schembri u Mizzi) qed jistaqsu fuq dan il-miljun dollaru. Dan ghall-ewwel depozitu biss? Hemm minimu li jridu jhallu fil-kont bhala running balance?

**Illi fit-2 ta' Dicembru 2015, wara li l-Bank BSI Panama qallu f'email li d-depozitu jrid ikun ta' miljun dollaru fis-sena, Karl Cini jikkonferma li gab il-konferma ta' Schembri u Mizzi biex jinfethu dawn il-kontijiet ghal "dawk iz-zewg kumpaniji fil-Panama**", u dan meta hu fatt maghruf li l-introjtu u perkacci tal-Ministru Mizzi u c-chief of Staff tal-Prim Ministru huma ferm u ferm u ferm inqas biex jiggustifikaw kif setghu jibdew jaghmlu tali depoziti annwalment;

Illi fl-10 ta' Dicembru 2015 Mossack Fonseca baghtu email lil Nexia BT u qalu li sabu problema biex jifthu l-kontijiet, ghax il-bank fejn kienu ha jinfethu gie mixtri minn bank iehor, li issa qed jitlob lis-sidien tal-kontijiet biex ikollhom visa tal-Panama;

Illi fil-15 ta' Dicembru 2015, Karl Cini baghat lura li qed jigbor l-informazzjoni necessarja. L-emails jieqfu hawn ghax il-hack tas-servers ta' Mossack Fonseca li harget fil-Panama Papers tieqaf f'din il-gurnata;

Illi fl-24 ta' Frar 2016, il-Ministru Konrad Mizzi ddikjara li hu fetah trust f'New Zealand biex tehodlu hsieb l-affarijiet tal-familja pero jahbi l-fatt li din izzomm kumpanija registrata fil-Panama;

Illi fis-27 ta' Frar 2016 sar maghruf li Keith Schembri ghandu l-istess struttura finanzjarja ezatt bhall-Ministru Konrad Mizzi, *trust* fi New Zealand li tahbi fiha kumpanija registrata l-Panama;

Illi fil-11 ta' Marzu 2016, jigu fotografati hafna kaxxi b'karti mqattghin jintremew mill-ufficcji ta' Nexia BT u jingabru minn vannijiet tas-socjeta' Kasco;

Illi fit-3 ta' April 2016 l-ICIJ (International Consortium of Investigative Journalists) ppublikaw l-Panama Papers mad-dinja kollha, u cioe 11.5 miljun dokument u email li gew hacked mis-servers tal-Mossack Fonseca;

Illi fis-27 ta' April 2016 Michael Cassar irrezenja minn Kummmissarju tal-Pulizija ftit sieghat biss wara li rcieva r-rapport tal-FIAU fuq dawn il-kumpaniji sigrieti;

Illi fit-2 ta' Awwissu 2016, rrezenja l-Kap tal-FIAU, Manfred Galdes;

Illi meta l-Kumitat Pana tal-Parlament Ewropew), imwaqqaf wara l-iskandu tal-Panama Papers), zar Malta fl-2017, il-Kap tieghu, l-MEP Germaniz Langen, iddikjara pubblikament li dawn il-fatti elenkati hawn fuq jindikaw *a textbook case of money laundering*;

Illi d-delitt ta' hasil ta' flus, u/jew it-tentattivi tad-delitt ta' hasil ta' flus huwa punibbli bi prigunerija li teccedi sew it-tliet snin kif irid l-artiklu 546(1) tal-Kodici Kriminali;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil Magistrat tal-Ghassa jiftah Inkjesta Magisterjali a tenur tal-artikolu 546(1) tal-Kodici Kriminali, filwaqt li minn issa qed ipoggi lilu nnifsu ghad-disposizzjoni shiha tal-Magistrat Inkwirenti.

Ft. Avv. Jason Azzopardi

37. Il-pern tad-diskussjoni kollha dwar l-eccezzjoni in dizamina hu jekk f'dan ir-rikors jezistux il-prerekwiziti kollha indikati fl-artikolu 561(1) tal-Kodici Kriminali:

**i) Rapport, denunzja jew kwerela ta' reat li jista' jinghata piena ta' prigunerija ghal izjed minn tliet snin**:

38. Id-denunzjant kien tenut li jindika b'mod car ir-reat li hu jissuspetta li sar fl-assjem ta' dak kollu minnu rakkontat. Huwa immedjatament evidenti illi fl-ebda hin l-Onor Dr. Simon Busuttil ma allega b'mod car illi l-fatti minnu rakkontati jammontaw ghar-reat ta' hasil ta' flus. Ghalkemm dan hu biss sottintiz minghajr ma jippunta subghajh lejn hadd billi leggerment jindika li d-delitt ta' hasil ta' flus u jew it-tentattiv tad-delitt ta' hasil ta' flus huwa punibbli bi prigunerija li teccedi sew it-tliet snin. Din il-Qorti mhix qed tghid li din hija kwistjoni ta' zball ta' formalita jew zball ta' sintesi, (zmien il-formalizmu

zejjed spicca), izda, li l-artikolu 561(1) tal-Kodici Kriminali jaghmilha tassattiva fuq id-denunzjant li jghid b'mod car x'inhu ir-reat minnu allegat. U fil-kuntest partikolari ta' dan il-kaz, irid jghid min mill-persuni kollha li semma huwa involut u kif. Ir-rikorrenti donnu ma jridx jassumi din ir-responsabilita' tant li fl-ahhar tar-rassenja tieghu jghid illi l-MEP Germaniz Langen iddikjara publikament li dawn il-fatti jindikaw *a textbook case of money laundering*. Izda dak li kellu jikwalifika bhala prerekwizit lil Magistrat hu li ghar-rikorrent, dawk il-fatti jammontaw ghal-reat kwalifikat u mhux x'jidhirlu haddiehor ghaliex id-denunzja hija tar-rikorrenti u ta' hadd aktar;

39. In tema, jizdied jinghad illi ma huwiex fil-kompitu tal-Magistrat u anqas ma hu gust li jkun minnu mistenni li b'rikors bhal dak in dizamina jordna li jsir access biex jara f'liema minn dawk ir-rakkonti jista' jsib xi ksur ta' ligi. Jekk, per ezempju, fiz-zewg paragrafi fejn jinghad li l-Prim Ministru zar l-Azerbaijan minghajr ma kien akkumpanjat mill-istampa ghandux dan mir-reat sottintiz ta' hasil ta' flus? Jew ir-rizenja ta' Michael Cassar jew Manfred Galdes ghandhiex mir-reat sottintiz ta' hasil ta' flus? Jew li Nexia BT rmiet ammont ta' karti li ingabru minn certu Kasco? Dawn l-okkazzjonijiet, anke jekk ghal grazzja tal-argument u b'tigbid sew tal-immaginizzjoni, jirravizaw reat individwalment, kif jistghu iwasslu ghar-reat sottintiz ta' hasil ta' flus? Huwa pjuttost ingust fuq is-sistema gudizzjarja taghna bil-limitazzjonijiet tal-istitut tal-Magistrat, li issir rassenja ta' okkazzjonijiet li mill-ottika tad-denunzjant jiffurmaw nisga elaborata ta' reat jew attentat tieghu sabiex il-Magistrat jara hu jew hi x'jista' minn dak kollu jestrapola bhala reat kommess jew attentat;

ii) **Jekk is-suggett materjali tar-reat ikun ghadu jezisti, ghandu jigi deskritt l-istat tieghu, bid-dettalji kollha wiehed wiehed, u ghandu jigi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istument seta jgib l-effett**

40. Il-kontenut tar-rikors promutur jippekka f'dan ir-rigward. Il-funzjoni primarja tal-Magistrat Inkwirenti, wara li jkun hemm id-decizzjoni ta' Magistrat qablu li jinzamm access, hi dik li jidentifika u jipprezerva ix-xhieda

u l-evidenza <u>li tkun ottenuta jew ottenibbli b'mod legali.</u> Is-suggett materjali tar-reat kellu qabel xejn ikun indikat mir-rikorrent u r-rikorrenti ibbaza d-denunzja tieghu fuq l-hekk imsejha Panama Papers li fi kliemu stess huma rizultat ta' <u>*hack*</u> fuq is-servers ta' Mosack Fonseca. M'ghandhiex ghalfejn din il-Qorti tinoltra fuq ir-rekwizit procedurali fil-kamp penali illi xhieda u dokumenti ottenuti mhux skond il-ligi ma ghandhom ebda valur probatorju u ghalhekk ikun inutili li Magistrat jintalab li jipprezerva dokumenti, ossia fotokopji ta' dokumenti li ma jistghux jingiebu bhala prova f'eventwali proceduri;

41. Huwa fatt mgharuf fid-dominju pubbliku illi l-Onor. Konrad Mizzi u Keith Schembri ghandhom *trust* fil-gurisdizzjoni ta' New Zealand. Issa jekk dan jikkostitwix reat jew le kontra r-regim legali fiskali ma jehtieg l-ebda access minn Magistrat. Jekk imbaghad dawn it-*trusts* intuzawx mill-beneficjarji taghhom biex jahslu l-flus jew jittentaw jahslu l-flus ta' provenjenza mhix indikata mir-rikorrent kien jispetta lill-istess rikorrent jghid car u tond dan fir-rikors tieghu. Kien jispetta lilu jiddeskrivi, anke jekk ma jressaqx provi in rigward, kif sar dan il-hasil ta' flus jew l-attentat tieghu, jekk dak huwa r-reat minnu denunzjat li jibqa' dejjem dubitat. Id-denunzjat ma ddeskriva ebda sitwazzjoni, per ezempju, ta' *layering*, komunement utilizzat fil-hasil ta' flus jew ta' kif l-assenza tal-istampa jew tal-ufficcajli tal-Gvern fl-Azerbaijan setghet kienet strumentali ghall-allegat pjan ta' hasil ta' flus, biex jissemma punt wiehed mid-diversi msemmija mid-denunzjant;

**Ilmenti mhux komuni bejn ir-rikorrenti**:

42. L-Onor. Prim Ministru josserva illi r-rikors promutur ma jsemmi ebda fatti li jistghu jwasslu ghall-elementi ta' reat u li jorbtuh ma' xi reat imsemmi jew m'huwiex. Kif gia osservat *supra,* kien jispetta lir-rikorrenti jindika lill-Prim Ministru bhala suspettat f'xi reat, haga li naqas li jaghmel u li minflok ghazel illi jinkludih fir-rassenja ta' okkazzjonijiet li, skond hu, ghandu jwassal b'xi mod ghal konkluzzjoni li sar reat jew attentat tieghu punibbli bi prigunerija ta' tlett snin jew aktar. Huwa dan, l-ghan ewlieni tal-kliem preciz

ravvizat fl-artikolu 561 li rikors bhal dak in dizamina ghandu jkun rapport, denunzja jew kwerela **ta' reat** (art 561(1)) b'indikazzjoni cara tal-persuna suspettata li ghamlet ir-reat (art 561(4A);

43. Din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni maghmula minn uhud mir-rikorrenti illi ma huwiex korrett li Magistrat jinghata rassenja ta' okkazzjonijiet bhal dik in dizamina sabiex jara hu jew hi x'jista' minn dak kollu jammonta ghar-reat indikat b'manjiera ekonomika ghall-ahhar kontra dak tassattivament rikjest mil-ligi. Li persuna ikollha suspett li sehh xi reat huwa d-dritt fundamentali ta' kulhadd, izda sabiex b'dak is-suspett jiskatta l-makkinarju gudizzjarju jehtieg li jkunu prezenti mhux biss l-elementi kollha kif ravvizati fil-ligi u kif ezaminati fil-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, izda ukoll li eventwali indagini tista' fil-verita' ssir. Fir-replika tieghu li dwarha lmentaw ir-rikorrenti kollha stante li ma kienux notifikati biha, d-denunzjant ssugerixxa *inter alia* li l-Magistrat Inkwirenti jaghti access ghall-ufficcju tal-Mosack Fonseca mhux biss f'Malta izda ukoll gewwa l-Panama u New Zealand, jew li jholl lill-Manfred Galdes mis-sigriet professjonali [*sic*] meta mkien ma allega li Manfred Galdes irrezenja ghaliex kien konoxxenti ta' xi irregolaritajiet li jistghu jippruvaw dak allegat mid-denunzjat. Kullma inghad dwar is-Sur Galdes hu li rrizizenja fit-2 t'Awissu, 2016;

44. Illi mill-assjem ta' dak konsiderat huwa evidenti li ma hemmx htiega li jsiru kunsiderazzjonijiet dwar l-ilmenti ohra li jolqtu individwalment lir-rikorrenti. Ghal dan il-ghan din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom. Tastjeni ukoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Onor. Dr. Simon Busuttil kif postulata fir-risposta tieghu f'pagna 30 (fol 192) fejn talab lil din il-Qorti sabiex formalment titlob lil dawn il-Magistrati Inkwirenti [Magistrat Dr. Aaron Bugeja, Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras, Magistrat Dr. Josette Demicoli u Magistrat Dr. Doreen Clark, u Magistrat Dr. C. Scerri Herrera [jew lil Magistrat li lilu/lilha kienet assenjata l-Inkjesta wara li din kienet mahtura Imhallef fil-Qorti Superjuri] x'inhu t-terminu tal-Inkjesti li huma qed jikkonducu, u dan stante li mhux konsentit mil-ligi rigwardanti l-*in genere;*

**Konkluzzjoni**:

45. Illi bhala konkluzzjoni, din il-Qorti tiddisponi minn dawn ir-rikorsi billi tiddikjara illi:

i) Fl-operat tal-Magistrat ma kienx osservat id-dritt tar-rikorrenti li jkunu infurmati bir-risposta, dikjarazzjonijiet u dokumenti godda prezentati mill-Onor. Dr. Simon Busuttil *qua* denunzjant sabiex ikunu f'qaghda li jirribattu l-allegazzjonijiet kontra taghhom;

ii) Il-kontenut tad-denunzja ma jissodisfax il-prerekwiziti msemmija fl-artikolu 561(1) u (4A) tal-Kodici Kriminali u dan billi ma tiddeskrivix ir-reat denunzjat, ma tiddeskrivix is-suggett materjali tar-reat bid-dettalji kollha wiehed wiehed, u hija karenti inoltre f'indikazzjoni cara tal-persuna/persuni suspettati ta' reat;

iii) Ir-rikors promutur *qua* denunzja huwa biss il-fehma tad-denunzjant li fir-rakkont ta' diversi okkazzjonijiet jara hsieb ulterjuri wara kull okkazzjoni, li kien fil-liberta' li jaghmel, minghajr, izda, ma jghid kif kull wahda minnhom jew kollha flimkien setghu kienu is-suggett materjali ta' reat meritevoli ta' inizzju ta' Inkjesta Magisterjali, u ghalhekk kwalifikabbli bhala spekulazzjoni fl-assenza ta' indizzji ohra;

iv) Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talba ta' kull rikorrent u konsegwentement qed tirrevoka d-decizjoni tal-Onor. Magistrat Dr. Ian Farrugia tas-26 ta' Lulju, 2017 li bih kien iddecieda li ghandha ssir investigazzjoni dwar l-*in genere* kontra l-Onor. Prim Ministru Dr. Joseph Muscat; l-Onor. Dr. Ministru Konrad Mizzi, ic-Chief of Staff tal-Prim Ministru Keith Allen Schembri, Brian Tonna, Karl Cini, Malcolm Scerri u Adrian Hilman dwar dak ravvizat fir-rikors tal-Onor. Dr. Simon Busuttil tal-14 ta' Lulju, 2017.

46. Illi, kwantu ghad-decizjoni tal-Onor. Magistrat Dr. Francesco Depasquale tal-21 ta' Mejju, 2018 formanti parti minn dan il-process b'decizjoni tal-istess Magistrat li biha kien cahad it-talba tar-rikorrenti [ Dr. Simon Busuttil u l-MEP David Casa] ghat-tnedija ta' Inkjesta in genere fil-konfront ta' Konrad Mizzi, Keith Schembri, Karl Cini u Brian Tonna, din il-Qorti tosserva li ma kien hemm ebda rikors ghar-revoka ta' din id-decizjoni u ghalhekk ma huwiex fil-kompitu ta' din il-Qorti li taghmel osservazzjonijiet ulterjuri dwarha ghajr li dik it-talba kienet michuda;

47. Finalment, tordna notifka ta' dan id-digriet lill-Onor. Dr. Simon Busuttil u lil kull wiehed mir-rikorrenti.

(ft) Giovanni M. Grixti
Imhallef

Vera Kopja

Christopher Camilleri
Deputat Registratur